# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 26 ta' Settembru 2023**

Appell numru 451/2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Keith Joseph MALLIA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

### A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Ottubru 2022 fil-konfront ta' Keith Joseph MALLIA fejn ġie mixli talli:

   Bejn it-12 ta' Diċembru 2016 u it-2 ta' Frar 2019 bħala propretarju u/jew amministratur tal-fond Golden Gannet, Triq Dun Ġużepp Demicoli, Għaxaq b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kisser il-ġumni tas-servizz elettriku u ċjoe tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-użu jew konsum elettriku jew li nihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-marker fl-istess meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata ikkometta serq tal-kurrent elettriku liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu u bil-ħin u dan għad-dannu għall-

Korporazzjoni Enemalta, (Art 18, 261(b)(ċ)(f), 263(a), 264(1)(2),267, 270, 279(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 18, 261(a)(ċ)(f) 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279(b), 280, 281, 283, 283A, 49, 50, 15A, 17, 18, 20, 23, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C , 412D, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma sabitx lill-imputat qua appellat ħati tal-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minn kull ħtija u piena.

## Ċ. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza fejn talbet lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellat MALLIA mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u minflok tgħaddi sabiex issibu ħati u tinfliġġi piena skont il-Liġi u dan wara li stqarret is-segwenti:

(i) Illi jiġi rilevat li l-Ewwel Qorti sostniet illi hemm konfużjoni kbira dwar l-identita' tal-persuna li fuqha huwa reġistrat il-kont tad-dawl ta' Golden Ġannet Triq Ġużepp Demicoli, Għaxaq. Illi l-każ odjern jikkonċerna serq ta' elettriku minn proprjeta' mmobblili tappartjeni lil Keith Joseph Mallia detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 148471M. Wara ispezzjoni illi saret mill-uffiċjali tal-korporazzjoni enemalta, ġie misjub wijer ħiereġ minn residenza Golden Ġannet Triq Dun Ġużeppi Demicoli Għaxaq li tappartjeni lil Keith Joseph Mallia fejn l-istess wajer kien imqabbad ma' linja tad-dawl ta' barra. Abbażi tal-istima maħruġa mill-Korporazzjoni Enemalta dawn l-irregolaritajiet jikkonsistu f'konsum ta' elettriku mhux reġistrat fl-ammont ta' Ewro 7,535,85. Meta wieħed janalizza d-dokumentazzjoni nserita fl-atti proċesswali huwa ben ċar illi l-kaħ odjern mhuwhiex każ ta' mistaken identity. A tenur tal-Artikolu 264(2) tal-Kap. 9 teżisti preżunzjoni juris tantum li min ikollu l-kontroll tal-fond huwa preżunt li jkun jaf li jkun qed isir il-konsum illeċitu. Din il-preżunzjoni taqa' ġjaladarba l-persuna li jkollha l-kontroll tipprova mod ieħor.

Illi hemm fatturi multipliċi illi għandhom jittieħdu in considerando fejn tidħol l-identita' tal-appellat u l-kontroll li għandu fuq il-kwistjoni. Illi fl-ewwel lok għandu jingħad li l-persuna indikata fiċ-ċitazzjoni hija l-istess persuna li dehret quddiem din l-Onor. Qorti u li mhemm l-ebda żball fis-sens li d-dettalji kollha tal-imputat huma korretti u ma jista' jkun hemm l-ebda dubju dwar liema persuna qed jirreferu għaliha. In sostenn ta' dan l-esponent jagħmel referenza għall-istqarrija tal-istess persuna ndikata fiċ-ċitazzjoni fejn qed jiġi kkonfermat minnu li huwa u l-mara tiegħu huma sid il-proprjeta' bl-isem ta' 95, Golden Ġannet Triq Dun Ġużepp Demicoli, Għaxaq u hi d-dar residenzjali tagħhom. In oltre fl-istess stqarrija l-appellat ikkonferma illi l-kont tad-dawl ta' din il-proprjeta' hu reġistrat fuq ismu. Filwaqt li l-appellat ikkonferma din l-informazzjoni turi biċ-ċar illi l-proprjeta' immobbli tappartejni lilu jiftakar b'mod dettaljat l-inċident in kwistjoni.

Illi l-esponent jagħmel referenza għal kwerela datata 8 ta' Frar 2019 fejn intalab mill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jibdew proċeduri kontra Keith Joseph MALLIA fejn fl-istess kwerela għalkemm il-karta tal-identita' tal-appellat mhiex korretta, hemm dettalji oħra li jikkonfermaw illi l-kwerela qed tirreferi għall-istess proprjeta' in kwistjoni illi s-sid tagħha huwa l-istess persuna li tressaq quddiem din il-Qorti. Dawn id-dettalji jinkludu l-isem l-appellat isem tal-proprjeta' u n-numru tal-kont li l-istess appellat għandu mal-Korporazzjoni Enemalta. L-istess jingħad li tinsab fil-kwerela. Għaldaqstant in-numru tal-identity card mhux korrett ma jannullax il-kwerela.

L-esponent jagħmel ukoll refrenza għax-xhieda ta' Antoine Busuttil, Head Tar-Revenue Security ġewwa l-Enemalta fejn fix-xhieda tiegħu ġie kkonfermat illi l-kont qiegħed fuq Keith Joseph Mallia l-istess numru tal-karta tal-identita' li tinsab fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-appellat kif ukoll fuq iċ-ċitazzjoni. Dan juri biċ-ċar illi l-Korporazzjoni Enemalta riedu jieħdu passi kriminali kontra Keith Joseph Mallia detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 148471M.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel**

**ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew

[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

8. Din il-Qorti trid allura tara jekk u safejn dawn il-provi li jkunu prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jkunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. Allura trid tistħarreġ kemm dak il-provi jkunu legalment ammissibbli kif ukoll sostantivament rilevanti.

9. Issa l-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

10. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

11. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

12. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

13. Illi nhar it-2 ta’ Frar 2019 għall-ħabta tal-11.10hrs irraporta ġewwa l-Għassa David John Scicluna (Surveillance Officer), ħaddiem tal-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll il-kollega tiegħu, Harry Buttigieg (Distributio Trademan) illi waqt spezzjoni li saret fi Triq Ġużepp Demicoli, Għaxaq, sabu wire tad-dawl imqabbad minn barra għal ġewwa f’fond numru Golden Ġannet li fiha kien hemm residenti l-familja tal-appellat, il-familja Mallia. Dan il-wire ġie skonnettjat u ppreżervat f’evidence bag enumerat C001281 u b’dan ir-rapport ġie nfurmat l-Ispettur Trevor Micallef.

14. Sussegwentement għal dan ir-rapport, il-Pulizija bdiet bl-investigazzjoni tagħha fuq suspett serq ta’ elettriku li jammonta għal valur totali ta’ €7,535.85 għal perjodu ta’ bejn it-12 ta’ Diċembru 2016 sa it-2 ta’ Frar 2019.

**Ikkunsidrat**

15. Illi l-Avukat Ġenerali kienet ċara f’dan l-appell tagħha fejn hija qiegħda tikkontesta d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li tillibera l-appellat minħabba impreċiżjoni fl-indikazzjoni tal-karta tal-identita’ tiegħu u dan b’referenza għal numru tal-karta tal-identita’ kif imniżżel kemm fil-kwerela magħmula mill-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll mir-rapport li ġie esebit mix-xhud Anton Zerafa (Dok. AZ1 fol 86 tal-proċess). L-Avukat Ġenerali ssostni kif minkejja tali impreċiżjoni, minn analiżi kompluta tal-atti proċesswali jkun jirriżulta li ma hemm l-ebda dubju fuq l-identita’ tal-appellat bħala dik il-persuna li kienet sid dak il-fond bl-isem ta’ Golden Gannet fi Triq Dun Ġużeppi Demicoli, Għaxaq nonche’ l-fond li kien qiegħed jasporta l-elettriku b’mod illeċitu permezz ta’ wajer imġannat. Hija tibbaża wkoll dan l-aggravju fuq dak li jippreskrivi l-Artikolu 264(2) tal-Kodiċi Kriminali daqskemm fuq dak li ddikjara l-appellat stess fl-istqarrija minnu rrilaxxjata nhar il-21 ta’ Lulju 2019.

16. L-istqarrija bil-miktub meħuda lill-appellat nhar il-21 ta’ Lulju 2019 hija waħda valida billi ttieħdet skont il-Liġi viġenti fiż-żmien tat-teħid tagħha skont  kif jirriżulta minn foljo 18 tal-atti proċesswali. Dan

ikun ifisser illi l-appellat ġie mogħti lilu d-drittijiet kollha li kienu jispettaw lilu qabel ma ttieħditlu din l-istqarrija u kien hu li rrifjuta li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu qabel it-teħid tal-istess daqskemm ukoll li jkollu avukat preżenti waqt l-interrogatorju. Għaldaqstant, kull dikjarazzjoni magħmula minnu fl-istqarrija hija valida u ammissibbli u għalhekk sejra tiġi kkunsiderata minn din il-Qorti flimkien mal-kwadru probatorju kollu li ġie kkumpilat fil-fażi istruttorja ta' dawn il-proċeduri.

17. F'din l-istqarrija tiegħu l-appellat ma jiċħadx li l-fond bl-isem ta' Golden Gannet li jinsab fi Triq Dun Giuseppi Demicoli, f'Ħal Għaxaq, huwa tiegħu. **Huwa jgħid li dan il-fond huwa tiegħu u ta' martu. Jikkonferma wkoll li l-kont tad-dawl huwa reġistrat f'ismu**. F'paġna 20 tal-istqarrija tiegħu mbagħad, din il-Qorti tirrileva li l-appellat jikkonferma wkoll li **dan il-wajer kien jaf bih** iżda jiċħad li waħlu hu u li kien qiegħed jagħmel użu minnu huwa biex jiffranka l-konsum tal-elettriku.

18. Issa, l-Artikolu 264(2) tal-Kodiċi Kriminali jaqra bil-mod segwenti:

> (2) Fil-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew fil-każ tal-eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ.

19. Il-Leġislatur ħoloq sitwazzjoni fejn fil-każ fejn jiġi pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġun li :

(a) kien hemm mezzi li setgħu jintużaw b'mod qarrieq biex wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' kurrent elettriku jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita meħuda jew ikkunsmata; u li
(b) dawn il-mezzi kienu jinsabu jagħtu għal fond li kien jappartjeni jew almenu taħt il-kontroll ta' persuna bħala persuna li tkun detentur tal-fond jew li kellha f'idejha dan il-fond;

allura jiġi preżunt li l-appellat kien jaf **<u>b'dan l-użu jew konsum</u>** ta' kurrent elettriku.

20. Meta titressaq din il-prova u tiskatta din il-presunzjoni, l-oneru tal-prova jispostja ruħu fuq l-imputat. Din hija preżunzjoni **iuris tantum** u għaldaqstant l-imputat ikun jista' iressaq difiża li tinnewtralizza din il-preżunzjoni.

21. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Ronald Bruno**[5] din il-preżunzjoni ġiet interpretata u applikata bil-mod segwenti:

> Biex issir il-prova sal-grad li trid il-liġi fil-kamp penali, a bażi tar-record of consumption li kien hemm (mhux sempliċement li probabbli kien hemm) serq ta' kurrent elettriku fil-perjodu inkriminat, għandha tinġieb prova tal-load ta' l-apparat elettriku f'dak il-perjodu. Huwa veru li l-artikolu 264 (2) tal-Kodiċi Kriminali joħloq preżunzjoni li tisposta l-oneru tal-prova tal-fatt partikolari – cjoe' l-fatt jekk l-akkużat kienx jaf bl-użu jew bil-konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-istess akkużat. Jekk l-akkużat ikun jaf, jew hu preżunt li kien jaf, b'dak il-konusm illegali, allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu. Pero' hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova li fil-fatt kien hemm użu jew konsum illegali, cjoe' serq ta' ilma, gass jew elettriku. Infatti jista' jkollok sitwazzjoni fejn ikun hemm il-ksur jew mezzi qarrieqa msemmija fl-artikolu 264 (2) mingħajr ma effettivament ikollok serq ta' ilma, gass jew elettriku.'

22. Bl-istess mod intqal fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Emmanuel Borg** tas-6 ta' Novembru 2018 fejn intqal:

> Il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom **Il-Pulizija v Anthony Lanzon** (Deciza nhar it-2 ta' Settembru, 1998), **Il-Pulizija v Emanuel sive Lino Cassar** (Deciza nhar is-26 ta' Ottubru, 1998), **Il-Pulizija v Paul Barbara** (Deciza nhar is-26 ta' Mejju, 1998) fejn gie spjiegat il-presunzjoni iuris tantum applikabbli ghal dan ir-reat kif dispost fl-Artikolu 264(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Ghalhekk f'dan il-kaz, l-onus tal-prova jinqaleb u ma jibqax iktar fuq ilProsekuzzjoni izda jinkombi fuq l-imputat odjern. Ir-rizultat ta' dan l-ispustjar tal-prova ghal fuq l-imputat hi li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun giet reza aktar facli u b'hekk hi tkun tista' tasal fejn trid minghajr sforzi ta' xejn.

---

[5] Li saret referenza għaliha fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Saviour Agius** deċiża nhar it-22 ta' Marzu 2006.

Illi huwa car ghalhekk li dan l-Artikolu 264(2) tal-Kap. 9 johrog presunzjoni ta' dolo, iuris tantum, li ghandha tipprevali jekk ma jigix ippruvat il-kuntrarju.

Din il-presunzjoni ma hix xi wahda assoluta w li ghandha tigi applikata bl-akbar rigorosita'. Din tregi biss sakemm ma jingibux provi kuntrarji li jistghu jingiebu mill-imputat. Ma' dan il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tispustjax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat ghal fuqu. L-oneru tal-prova jibqa' dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha a favur taghha din il-presunzjoni li pero', tista' tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni jew tad-Difiza [ara wkoll Appell Kriminali 282/93 **Il-Pulizija v Michael Attard** (Deciza nhar il--12 ta' Frar, 1993) per Imhallef Carm Lino Agius]

Huwa ovvju li l-asportazzjoni ta' l-elettriku hi asportazzjoni ta' tip specjali u sui generis, trattandosi mhux ta' korp fiziku imma ta' current ta' elettriku, issir mhux bil-komunikazzjoni llegali, li ghal bzonn tista' tkun saret minn haddiema qabel, imma bl-uzu attivat ta' l-apparat kunsumatur ta' l-elettriku fil-konsapevolezza li l-konsum mhux qed jimmarka jew mhux qed jimmarka sew minhabba interruzzjoni. Min juza l-apparat konsumatur u wara li jkun sar it-tbaghbis u meta jkun jaf b'dan, ma jigux qed jisraq inqas milli kieku kien hu stess li interrompa r-registrazzjoni. Huwa ovvju illi biex jigi ppruvat is-serq, iridu jikkalkulaw l-element materjali u formali necessarji f'kull reat, il-mens u l-actus iridu jissussistu l-elementi kollha ta' dan ir-reat.

L-actus reus tas-serq jinkludi fih il-fatt li l-akkuzat ibbenifika anke minimament mill-ezekuzzjoni tal-hsieb li bil-mens rea tieghu iddecieda illi jattwa. Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saviour Tabone** (Deciz fit- 18 ta' Marzu 2010 mill-Qort tal-Appelli Kriminali . Vide anke deciz minn din l-istess Qorti , **Il-Pulizija vs Peter Bugeja**, deciz nhar it- 13 ta' Jannar 2011 u **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri et** deciz nhar l- 20 ta' Gunju ,.2013) gie deciz: Fl-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad testwalment: "Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent ta' l-elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-kwantita mehudha jew kunsmata jitqies sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew ilpersuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku skond ma jkun il-kaz.

Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Abela** (Deciza fis-16 ta' Lulju 1990), bhala "presunzjoni feroci" u kompliet tghid: "**La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett … il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar.**[6]"

[6] Enfasi miżjuda

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Bruno** (Appell Nru 129/00; Deciz 31 ta' Mejju, 2000, per Onor. Imhallef Dr Vincent Degaetano). Din il-Qorti, pero`, tosserva li hawn si tratta ta' periodu ta' aktar minn erba' snin– minn wara Novembru 1989 sat-13 ta' April, 1994. Fil-fehma ta' din il-Qorti, biex issir il-prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, a bazi tar-record of consumption li kien hemm (mhux semplicement li probabbli li kien hemm) serq ta' kurrent elettriku fil-periodu inkriminat, kellha tingieb prova tal-load ta' l-apparat elettriku f'dak il-periodu.

Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r-rigward. Lill-appellant lanqas ma staqsewh x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond tul iz-zmien li l-fond baqa f'idejgh ; l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil-hsieb li jigi stabbilit dana l-punt.

Fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm prova sodisfacenti, cioe` sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, ta' tali serq fil-periodu inkriminat.

Pero' l-appellant ma xehedx u lanqas ma ressaq xi xhieda sbaiex jittenta jippotja l-onus li l-ligi tistabilixxi fil-konfront tieghu. Strah biss fuq il-provi imresqa il-prosekuzzjoni. Ghalhekk fil-kamp penali hu d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova lakkuza sa l-inqas dettal u ma jispettax lill-akkuzat jipprova hu li kien ilu anqas minn hames snin jisraq id-dawl jew li jipprova x'appliances kellu tul il-medda tazzmien li gie akkuzat li fih wettaq is-serq imputat lilu u dan sabeix jigi provat b'mod sodisfacenti id-differenza fil-qari; Dan qed jinghad anke jekk jidher li s-service box in kwistjoni kienet ilha snin fl-istess post u li in effetti dehret imbaghbsa!

Galadarba l-Pulizija ghazlet li tohrog akkuzi fuq serq, kien fid-dmir taghha li taghmel id-debita prova dwar l-ammont tas-serq hekk addebitat lill-akkuzat.

**Illi ma tista' qatt tinstab htija fuq akkuzi bbazati semplicement fuq stima; stima arbitrarja mahduma fuq perjodu daqstant iehor arbitrarju**[7] ta' erbgha snin, fejn jigi skartat ghall-kollox il-principju baziku legali li "onus probandi incumbit qui osservit" (Manzini, Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- "Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Issa f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li verament kien hemm serq ta' kurrent elettriku - w dan qed jinghad ghaliex l-imputat ma rnexxilux jeghleb il-presunzjoni iuris tantum li l-ligi timponi fuqu, irnexxielha wkoll tipprova lmezz tas-serq stante li kien hemm tbaghbis fil-gumi li bhala konsegwenza ta' dan kien hemm in-non-registrar tal-konsum, pero' verament li kif sostniet id-difiza ma pprovatx l-aggravju tal-hin. Kien jispetta lill-istess Prosekuzzjoni tipprova dan laggravju, minkejja li tezisti l-prezunzjoni iuris tantum. Illi pero' kien jispetta lil prosekuzzjoni tipprova ukoll l-aggravji tal-hin, valur, lok u mezz moghtija minnha. M'hemmx dubbju

[7] Enfasi miżjuda

li filwaqt li l-aggravju tal-mezz jirrizulta provata u dan ghaliex is-serq sar permezz ta’ sgass fil-gumi tal-elettriku, u fil-lok ghaliex is-serq sar fir-residenza tal-appellant. L-aggravju tal-hin ma jirrizutlax u lanqas tal-valur stante li l-Qorti m’hix konvinta bil-modalita ta’ kif gie kalkolat l-ammont allegatament misruq u ghal kemm dam ghaddej dan is serq.”

23. Imbgħad fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo**[8] intqal:

L-Artikolu 264(2) tal-Kodiċi Kriminali jesiġi li l-liġi trid illi fil-każ ta’ ksur jew gumni tas-serviżż elettriku jew tal-meters tagħha jew ta’ xi siġilli ta’ xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista’ jkollu l-użu jew il-konsum illeġitimu ta’ dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista’ jwaqqaf jew ibiddel mmarkar fil-meter tal-kwantita meħuda jew ikkunsmata jitqies sakemm ma jiġiex pprovat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu dawn il-kawżi jew mezzi qarrieqa, jaf jew taf b’dan l-użu jew konsum ta’ kurrent elettriku. Hu evidenti li dan is-sub-artikolu joħloq presunzjoni ta’ juris tantum li għandha tipprevati jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju.

Illi skond l-artikolu 264(2) tal-Kap 9, hemm presunzjoni ta' dolo juris tantum li għandha tipprevali jekk ma jiġix ppruvat l-kuntrarju kif ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Lanzon deċiża fit-tnejn ta' Settembru, 1998 millQorti tal-Appell Kriminali.

Illi dina hija presunzjoni li ġiet deskritta f’sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Abela (mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f’sentenza mogħtija fis-16 ta’ Lulju 1990), bhala “presunzjoni feroċi” u kompliet tgħid: “La l-presunzjoni hija daqstant feroċi l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirriżultaw konkluživament u mhux sempliċement b’mod illi joholqu suspett A il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistgħu jwasslu għal dak l-effett li bihom jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar.

L-artikolu 264(2) tal-Kap 9 jistabilixxi li jekk jiġi ppruvat l-ksur u l-presenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista’ jkollu l-użu jew l-konsum illeġittimu talkurrent elettriku, jew jibdel r-registrazzjoni tal-konsum, allura jitqies bħala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn instabu dawn ilmezzi qarrieqa, jaf b'dan l-użu jew konsum ta' kurrent elettriku illeċitu, sakemm ma jiġix ppruvat l-kuntrarju. Għalhekk f'dan it-tip ta' każi, l-onus tal-prova jinqaleb u ma jibqgħax aktar fuq il-Prosekuzzjoni iżda jinkombi fuq minn ikun akkużat. Ir-riżultat ta' dan l-ispustar tal-prova għal fuq akkużat hu li l-posizzjoni tal-Prosekuzzjoni tkun ġiet reża aktar faċli u b'hekk hi tkun tista tasal fejn trid tasal mingħajr sforżi ta' xejn.

[8] Deċiża nhar it-12 ta’ Diċembru 2018

24. Jirriżulta ex admissis li l-appellat huwa s-sid tal-fond li jġib l-isem ta' 'Golden Gannet'. Mhux ikkontestat li dak il-wire li nstab imġannat kien ħiereġ minn ġo toqba fil-ħajt minn din ir-residenza. F'dan ir-rigward, l-appellat fl-istqarrija tiegħu jgħid hekk:

> M. Fit-02 ta' Frar 2019 saret spezzjoni min nies tal-Enemalta u sabu wire tad-dawl imqabbad minn barra għal ġewwa, xi tgħid dwar dan?
> T. Iva vera. Minn barra għal ġewwa sal-kantun. Dak il-wire ilu mwaħħal snin hemm, eżżat ma nafx kemm.

25. U dan jikkonfermawh ukoll id-diversi xhieda. Hekk jixhed David Scicluna f'foljo 33 tax-xhieda tiegħu:

> Xhud: ..x'ħin wasalna fuq il-post, innutajt li kien hemm wajer ħiereġ minn ġor r-residenza u mqabbda ma' linja tad-dawl.

26. Ukoll ix-xhud Harry Buttigieg f'folo 39 tax-xhieda tiegħu jixhed kif il-wajer li deher imqabbad dirett mal-linji msejħin 'outside lines' 'kienu mdaħħlin ġol-fond imsemmi'.

> Pros: Jiġifieri inti qed tgħid li dawn il-wajers li jkunu mdendlin ġot-toroq it-twal, jiġifieri kien hemm żewġ wajers deħlin minnhom għal ġod-dar?
> Xhud; Iva.

27. L-istess osservazzjonijiet għamilhom PS 1000 Mario Farrugia f'paġna 49 tax-xhieda tiegħu u x-xhud Joseph Farrugia f'paġna 53 tax-xhieda tiegħu.

28. Issa, skont il-kwerela li tinsab esebita f'paġna 17 tal-atti proċesswali, il-konsum tal-elettriku fil-fond li jġib l-indirizz ta' 'Golden Gannet' fi Triq Dun Ġużepp Demicoli f'Ħal Għaxaq huwa marbut ma' kont reġistrat f'isem Keith Joseph Mallia. U għad li l-karta tal-identita' li tinsab imniżżla fuq il-kwerela ma taqbilx mal-karta tal-identita' li tinsab imniżżla fiċ-ċitazzjoni li ppromoviet din il-kawża kontra l-appellat, jiġi rilevat li kien l-appellat stess f'paġna 19 tal-istqarrija tiegħu li jikkonferma kif il-kont fl-imsemmi fond huwa reġistrat f'ismu. U dan il-fatt jidher li l-appellat aċċettah anki għaliex meta tressaq il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet de quo, huwa qatt ma kkontesta din l-impreċiżjoni fl-indikazzjoni tiegħu tal-karta tal-identita' daqskemm ukoll wieġeb li ma kienx ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu biex b'hekk issottometta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti inkondizzjonatament.

29. Dan mhux qiegħed jingħad sabiex jagħmel tajjeb għal dan l-iżball li sar mill-Prosekuzzjoni daqskemm mill-Korporazzjoni Enemalta, iżda din l-osservazzjoni qiegħda ssir b'rabta mal-fatt li jirriżulta kif l-appellat stess aċċetta mingħajr kontestazzjoni li l-Korporazzjoni Enemalta resqitu b'rabta ma' allegat serq ta' elettriku li kien ġej minn fond li jappartjeni lilu. Il-kontestazzjoni tal-appellat kienet biss li ma kienx hu li wettaq din l-asportazzjoni lleċita tal-elettriċita.

30. B'rabta mas-suespost, jingħad ukoll li meta xehed Antoine Busuttil,[9] il-Head tar-Revenue Security tal-Korporazzjoni Enemalta, huwa kien ċar fix-xhieda tiegħu li d-dokument esebit f'paġna 17 li l-kwerela magħmula mill-Korporazzjoni Enemalta u li tagħat lok għal dawn il-proċeduri kontra l-appellat, kien dwar allegat serq ta' elettriċita minn konsumatur bl-isem ta' Keith Joseph Mallia li jġorr in-numru tal-karta tal-identita' bin-numru 148471M liema numru tal-karta tal-identita' kwindi jirrikorrispondi man-numru tal-karta tal-identita' li hija indikata fiċ-ċitazzjoni bħala appartenenti għal dik il-persuna li għandha l-indirizz uffiċjali reġistrat bħala 'Golden Gannet' Triq Dun Ġużepp Demicoli, Għaxaq. Din il-Qorti żżid ukoll tosserva kif minkejja d-diskrepanza fin-numru tal-karta tal-identita' tal-appellat kif ingħad, mhemmx dubji lanqas dwar il-fatt li l-Prosekuzzjoni kienet qiegħda torbot l-imputazzjonijiet odjerni ma' kont numru 101000168887 liema numru tal-kont huwa indikat bl-istess mod kemm fuq il-kwerela kif ukoll fuq ir-rapport eżebit bħala Dok AZ1 f'foljo 86 tal-atti proċesswali u mill-provi jirriżulta wkoll li l-persuna reġistrata fuq dan il-kont huwa Keith Joseph Mallia li joqgħod f'fond li jġib l-indirizz ta' 'Golden Gannet', Triq Dun Ġużepp Demicoli, Għaxaq.

31. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li ma tistax tikkondividi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn din illiberat lill-imputat appellat mill-unika imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu fuq nuqqas ta' linearita fl-indikazzjoni tal-identita' tiegħu. Huwa indubitat kif il-Prosekuzzjoni naqset milli tinduna b'din l-impreċiżjoni u li titlob korrezzjoni jew kjarezza mix-xhieda tagħha dwar dettall ta' importanza bħalma hi n-numru tal-karta tal-identita' tal-appellat. Biss, kif ingħad, m'hemmx dubju dwar il-fatt li huwa l-appellat li kien is-sid tal-fond minn fejn kien qiegħed allegatament jinsteraq l-elettriku u fin-nuqqas ta' prova da parte tiegħu sabiex

[9] Foljo 82 tal-atti proċesswali.

jinnewtralizza l-effetti tal-preżunzjoni kkontemplata fl-Artikolu 264(2) tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti waslet għal fehma li huwa kien jaf b'dak il-wajer.

32. Il-kwistjoni ta' bażi li din il-Qorti tara però tmur lil hinn minn dan. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni allura pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien hemm wajer, li skont ix-xhud Anton Zerafa – li kien it-tekniku tal-Enemalta li mar jaqilgħu bil-high up – kien "wajer dirett mqabbad mal-linji dieħol go toqba fil-faċċata ... li dieħel ġo din ir-residenza". Skont dan ix-xhud lis-sid ta' din id-dar ma kelmuhx għax ma fetħilhom ħadd. Dan ix-xhud però jikkonferma li kien ħa xi ritratti, preżumibbilment dawk li ġew eżebiti minn fol 90 sa fol 95.

33. Flimkien ma Zerafa fuq il-post kien hemm David Scicluna, surveillance Officer mal-Enemalta. Dan xehed li assista lil Zerafa u x'ħin waslu fuq il-post innutaw li kien hemm wajer ħiereġ minn residenza imqabbad mal-linja tad-dawl. Zerafa telgħa bit-tower ladder u "neħħa l-periklu li kien hemm u l-wajer". Scicluna jikkonferma wkoll li lil sid dik ir-residenza ma kelmuhx.

34. Harry Buttigieg, li kien jaħdem ta' fitter mal-Enemalta ukoll kien fuq il-post ma' Zerafa u Scicluna. F'ġurnata li ma kienx jiftakarha kienu marru fir-residenza Golden Gannet u hemmhekk "rajna par wajers imqabbdin diretti fuq il-linja, imdahhlin minn fuq il-linja, il-lines, outside lines. Kienu mdahhlin gol-fond imsemmi...kien hemm toqba gol-hajt. Lis-sid ta' din ir-residenza ma kelmuhx għax il-pulizija li kien magħhom ħabbatlu u ma fetaħ ħadd."

35. Fl-istqarrija tiegħu l-appellat ukoll jikkonferma li kien veru li kien hemm wire tad-dawl li kien jagħti minn barra għal ġewwa sal-kantun. Jgħid li dak il-wire kien ilu mwaħħal snin hemm għalkemm ma kienx jaf kemm kien ilu mwaħħal hemmhekk. Dan il-wire kien ġej mill-wire l-iswed li jkollhom tal-Enemalta għaddej mit-toroq. Iżda l-appellat jgħid li huwa qatt ma messu dak il-wire u dak iż-żmien – għalkemm mhux ċar jekk kienx qed jgħid għal meta setgħa twaħħal dak il-wire jew għal meta saret l-ispezzjoni – huwa kien il-ħabs. L-appellat jgħid li ma jafx kif ġie hekk dak il-wire. Iżid li huwa ma kellux meter tad-dawl fir-residenza de quo. Anzi jżid jgħid li la kellu wires u l-anqas fridge taħdem ma kellu għax kienu jmorru għand il-kunjata jew għand ommu. Iżda jsostni li qabel ma kienu ġew tal-Enemalta huwa ma kienx ikollu dawl għax kien ilu madwar sentejn u nofs bla dawl. Iżid

igħid li huwa ma seraqx id-dawl u lilu ma ħabtulux. Tal-Enemalta marru telgħu minn barra u x'għamlu jew ma għamlux ma jafx. Iżda jżid igħid li dik id-dar l-anqas biss kienet lesta u kull ma kellu fiha kienu fridge, geyser u erba' bozoz. Apparti li ma jafx kif kien tela' kont ta' iżjed minn sebat elef euro jerġa jtenni li kien ilu bla dawl sentejn u nofs.

36. Dan anki għaliex fuq l-iskorta ta' dak li qal l-appellat stess fl-istqarrija tiegħu, dan il-fond kien fih xi oġġetti li jaħdmu bl-enerġija elettrika u ma nġabet l-ebda prova mill-appellat li huwa kien tassew jirrisjedi band'oħra b'mod tali li ma kienx allura jkollu bżonn jagħmel użu mill-bozzoz, geyser u fridge li kienu jinsabu f'din ir-residenza.

37. Issa din il-Qorti ssibha bi tqila temmen dak kollu li kien stqarr l-appellat fl-istqarrija tiegħu in kwantu fl-istess nifs igħid li fir-residenza tiegħu ma kellux xejn – la servizz elettriku, la meter u l-anqas elettrodomestiċi filwaqt li f'nifs ieħor igħid li kellu fridge, geyser u erba' bozoz fir-residenza, għalkemm isostni li ma kellux servizz elettriku għal madwar sentejn u nofs qabel.

38. Biss lil hinn minn dak li stqarr l-appellat, il-kwistjoni f'dan il-każ hija jekk il-Prosekuzzjoni pruvatx, lil hinn minn kull dubju dettat ir-reat innifsu li bih l-appellat ġie mixli. Il-provi juru b'mod sikur li kien hemm wire li kien ħiereġ minn toqba ħierġa mill-fond li fih kien jgħix jew almenu li kellu l-kontroll fuqu l-appellat. Donnu jidher li dan il-wire kien imqabbad mal-linja tad-dawl. Dan allura juri b'mod ċar li kien hemm evidenza li xi ħadd kien għamel dan il-wire bil-ħsieb li jieħu l-kurrent elettriku dirett minn dawn il-fili. Iżda l-fatt li kien hemm din il-konnessjoni ta' dan il-wire mal-linji esterni tad-dawl ifisser awtomatikament li kien hemm "ksur" fil-fili jew gumni fis-sensi tal-artikolu 264(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali?

39. Il-ksur għall-fini ta' dak l-artikolu huwa kostitwit minn kull azzjoni ta':

> kull ksur, tagħwiġ, qligħ jew sgassar ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters ta' dawn is-servizzi, jew ta' xi siġill ta' xi meter, magħmul sabiex isir tniffid illeġittimu ma' dawn il-kanni, fili, jew gumni, jew l-eżistenza ta' xi mezz qarrieq kif imsemmi fis-subartikolu (2), jitqies ukoll li huwa "ksur".

40. Iġifieri skont din it-tifsira legali, biex ikun hemm "ksur" irid ikun hemm ksur, tagħwiġ, qliegħ jew sgassar tal-fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters ta' dawn is-servizzi jew ta' xi siġill ta' xi meter magħmul sabiex isir tniffid illeġittimu ma' dan il-fili jew gumni jew l-eżistenza ta' mezz qarrieq kif imsemmi fis-subartikolu (2).

41. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 264 tal-Kodiċi Kriminali imbagħad jingħad:

> il-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew fil-każ tal-eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ.

42. Li dan il-wire setgħa jintuża bħala mezz qarrieq li bih wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita meħuda jew ikkunsmata huwa wkoll verosimili; jekk mhux ukoll assunzjoni ovvja.

43. B'dawn il-provi marbuta ma din is-sejba il-Prosekuzzjoni jista' jingħad li pruvat b'mod sikur li:

(a) kien hemm mezzi li setgħu jintużaw b'mod qarrieq biex wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantita meħuda jew ikkunsmata; u li

(b) dawn il-mezzi kienu jinsabu jagħtu għal fond li kien jappartjeni jew almenu taħt il-kontroll tal-appellat li kien il-persuna li ammetta hu stess li kien detentur tal-fond jew li kellha f'idejha dan il-fond; u allura

(c) li kien jista' jiġi preżunt li l-appellat kien jaf b'dan l-użu jew konsum ta' kurrent elettriku.

44. L-appellat setgħa jirribatti din il-preżunzjoni li kien jaf b'dan l-użu jew konsum ta' kurrent elettriku. Iżda l-istqarrija tiegħu kienet kontradittorja u fil-proċeduri ma preżenta ebda evidenza.

45. Pero kif intqal fil-ġurisprudenza iktar il-fuq ċitata, minkejja l-eżistenza ta' din il-preżunzjoni iuris tantum, l-appell kriminali **Bruno** jisħaq li hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova li fil-fatt kien hemm użu jew konsum illegali, cjoe' serq ta' ilma, gass jew elettriku peress li jista' jkollok sitwazzjoni fejn ikun hemm il-ksur jew mezzi qarrieqa msemmija fl-artikolu 264(2) mingħajr ma effettivament ikollok serq ta' ilma, gass jew elettriku.

46. Fil-fatt f'dan il-każ ix-xiehda tekniċi tal-Enemalta jikkonfermaw l-eżistenza tal-mezzi qarrieqa ossija l-wire imqabbad mal-linji tal-elettriku esterni u li kien jagħti għar-residenza tal-appellat. Iżda ħadd minnhom ma jikkonferma li fil-fatt minn dak il-wire kien għaddej kurrent elettriku; u li ma dak il-wire – fuq ġewwa tar-residenza - kien hemm imqabbdin wires oħra jew servizzi jew apparat ieħor jaħdem bl-elettriku li setgħa jagħti prova sikura li fil-fatt minn dak il-wire kien għaddej jew għadda kurrent elettriku b'mod illegali; jew prova oħra li turi differenza bejn ix-xejriet tal-konsum elettriku f'dik ir-residenza u li minnha l-Qorti tkun tista' tikkonkludi li kien hemm effettivament serq ta' kurrent elettriku.

47. Kif intqal fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Raymond Abela** deċiża fis-16 ta' Lulju 1990 din kienet "preżunzjoni feroċi", u ġaladarba hija daqstant feroċi biex tiġi biex tapplikaha, il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konklużivament u mhux sempliċement illi joholqu suspett għal dak l-effett li bihom wieħed jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar tal-kurrent elettriku.

48. F'dan il-każ, ġiet imresqa prova tal-mezzi qarrieqa, iżda kemm dawk il-mezzi qarrieqa fil-fatt b'mod konklussiv kellhom l-effett li minnhom kien għaddej jew għadda kurrent elettriku baqa' misteru. Dan peress li ħadd ma jaf fir-residenza tal-appellat jekk dan il-wire kienx konness jew skonness, jekk kienx iservi biex jittieħed elettriku illegalment minnu jew le u allura jekk kienx każ bħal dak imsemmi mill-Prim'Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano fl-appell kriminali **Bruno** fejn ikunu jeżistu l-mezzi qarrieqa iżda mhux il-konsum tal-elettriku illegali.

49. Ħadd ma daħal fir-residenza tal-appellat. Ħadd ma kellem lill-appellat, apparti l-Pulizija fl-interrogatorju. Verament li l-istqarrija tal-appellat kienet f'ċerti versi kontradittorja. Madanakollu dan ma

jfissirx li l-prova tas-serq ġiet sodisfatta b'mod sikur mill-Prosekuzzjoni, li f'dan il-każ eżebita **biss stima tal-konsum.** Ma ġiex indikat b'mod ċar kif il-Korporazzjoni Enemalta setgħet waslet għal din l-istima u x'kien il-pattern tal-konsum elettriku preċedenti tal-appellat. U dan in linja mal-kawża **Bruno** fejn ntqal is-segwenti:

> Illi ma tista' qatt tinstab htija fuq akkuzi bbazati semplicement fuq stima; stima arbitrarja mahduma fuq perjodu daqstant iehor arbitrarju ta' erbgha snin, fejn jigi skartat ghall-kollox il-principju baziku legali li "onus probandi incumbit qui osservit" (Manzini, Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- "Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

50. Fix-xiehda tat-tekniċi tal-Enemalta l-wire kien imqabbad dirett mal-linji tad-dawl u ġie skonness. Iżda ħadd ma jgħid ċar u tond dan x'kien ifisser. Forsi għalihom kienet ħaġa ovvja li ladarba kien hemm wire imqabbad mal-overhead lines minn dan il-wire kien jgħaddi kurrent elettriku; u li allura minn dak il-wire imġannat kien ukoll għaddej il-kurrent elettriku; iżda dawn huma proċeduri kriminali fejn ebda prosekutur jew ġudikant ma jista' jieħu affarijiet "for granted". Il-prova ma tridx biss tkun ovvja għal min jifhem, iżda trid issir ovvja għal min ma jifhimx billi tiġi spjegata b'mod ċar u sempliċi. Ebda xhud ma jista' jassumi fatti, daqskemm ebda prosekutur jew ġudikant ma jista' jassumi l-eżistenza ta' fatti. Il-fatti jridu jiġu pruvati mill-Prosekutur bi provi konvinċenti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u mhux jistrieħu fuq assunzjonijiet li għal uħud jistgħu jidhru loġiċi.

51. Allura tista' tidher ovvja li ladarba kien hemm wire imġannat ma overhead lines minnu se jgħaddi l-kurrent elettriku. Wieħed jista' jassumi wkoll li jiġri hekk. Iżda l-prova ta' dan bħala fatt kellha issir billi x-xhud li jkun jifhem x'jiġri jgħid ċar u tond li wire imġannat ma overhead line jipproduċi l-effett li minnu jgħaddi l-kurrent elettriku wkoll; billi jingħad li minn dan il-wire imġannat kien fil-fatt għaddej il-kurrent elettriku; u wkoll li dan il-wire imġannat kien fl-aħħar mill-aħħar jagħti għal post fejn anke hu kien konness ma wires oħra jew servizzi jew appart ieħor li jaħdem bl-elettriku jew li minnu jgħaddi l-elettriku u jitma lil appart ieħor fil-fond fejn ikun qiegħed jiġi allegat li sar is-serq tal-elettriku. Biss f'dan il-każ, tali provi ma nġiebux.

52. Wieħed jista' jinnota li kien hemm trapass ta' xhur konsiderevoli bejn id-data ta' meta saret l-ispezzjoni ossija fit-2 ta'

Frar 2019 u d-data meta l-appellat ġie interrogat b'rabta ma dan il-każ – il-21 ta' Lulju 2019. Verament li dakinhar tal-ispezzjoni ix-xiehda tal-Enemalta jgħidu li l-Pulizija preżenti magħhom ħabbat fir-residenza de quo u ħadd ma fetaħlu. Iżda dan ma jfissirx li, fid-dawl tal-evidenza li kellhom ma setgħux, mal-ħaġra t-tajn, jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jintensifikaw l-investigazzjoni tagħhom b'mod li jkollhom l-aċċess għar-residenza tal-appellat tramite l-istrumenti legali kompetenti. Iżda dan jidher li ma kienx sar minkejja li setgħa jsir.

53. L-anqas ma jirriżulta li kien hemm prova li turi x'kien il-konsum tal-elettriku fuq il-kont tal-appellat li kien reġistrat mal-Enemalta u jekk dik l-istima li saret kienetx b'xi mod marbuta ma' dan l-element. Kien għalhekk iżjed meħtieġ li jiġi aċċertat, mal-ewwel, x'evidenza kien hemm li kienet turi li verament seħħ is-serq tal-elettriku bil-mezzi qarrieqa użati. Il-fatt li ma kienx hemm viżibilità tal-intern tar-residenza tal-appellat – fejn l-anqas hemm prova li l-wire imġannat mal-overhead lines kien fil-fatt imqabbad ma xi wires jew apparat ieħor – iwassal għal nuqqas tal-aħjar prova tal-fatt tas-serq tal-elettriku u li kienet disponibbli iżda li ħadd ma rrikorra għaliha.

54. Fi ftit kliem, il-prova tal-eżistenza tal-mezzi qarrieqa għalhekk ġiet soddisfaċentement pruvata. Iżda l-eżistenza tas-serq effettiv tramite dawk il-mezzi qarrieqa ma ġietx. F'dan is-sens allura l-preżunzjoni iuris tantum waħedha ma kienetx biżżejjed biex issawwar il-ħtija fl-appellat.

55. Konsegwentement, anke jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienetx legalment u raġonevolment korretta meta illiberat lill-appellat mill-imputazzjoni minħabba l-iżball fil-karta tal-identita li kien jinsab fil-kwerela, mill-banda l-oħra, minn eżami tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti, xorta waħda jibqa' l-fatt li għar-raġunijiet premessi, il-provi prodotti ma setgħux iwasslu għal sejbien ta' ħtija f'dan il-każ.

## **Deċide**

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**